

# Messaġġ mill-Ministru għall-Ġustizzja

**L-Onorevoli Dr Jonathan Attard**



Ħbieb, għal sena oħra, bi pjaċir qiegħed ningħata din l-opportunità biex inwassal il-messaġġ tiegħi fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina. Irrid minnufih infaħħar is-sens ta' dedikazzjoni u impenn tal-Għaqda Mużikali Imperial, mhux biss matul iż-żmien li jwassal għall-festa tant mistennija, imma matul is-sena kollha. Ngħid dan partikolarment fi żmien meta kulħadd jista' jara u japprezza l-ħidma li saret u għadha għaddejja fil-każin. Din hija ħidma li mhux biss se titgawda mill-membri tal-għaqda imma mill-komunità kollha.

Il-festi bla dubju huma parti essenzjali immens mill-kultura u mill-identità lokali u jgħaqqdu ħafna nies ġejjin minn aspetti differenti tal-ħajja. Fil-festi l-aspett reliġjuż jingħaqad b'mod intrinsiku ma' dak tradizzjonali u popolari. Dawn il-festi huma frott tax-xogħol, is-sagrifiċċji u l-impenn tal-membri involuti u anki bis-saħħa tal-qraba tagħhom li sena wara l-oħra jagħtu l-appoġġ meħtieġ lil dawn il-membri tant dedikati.

L-Għaqda Mużikali Imperial dejjem ħadmet sabiex flimkien mal-għaqdiet l-oħra kollha Melliħin, mal-Arċipriet u mal-Kunsill Lokali, il-festa tal-Mellieħa tkun waħda mill-isbaħ festi f'Malta u Għawdex.

Personalment, inħares 'il quddiem biex kif għamilt kull sena minn mindu ġejt noqgħod f'din il-lokalità, ingawdi mal-familja u l-ħbieb tiegħi din il-festa tant għażiża.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg, lill-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial tal-ħidma bla waqfien tagħhom u lil qrabathom tas-sapport kontinwu.

F'ismi u f'isem il-familja tiegħi nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lill-Melliħin kollha.

*Inħarsu l-ambjent naturali ta' pajjiżna*

**The Veggie Truck**

**Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce**

*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*

*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*

